

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: trade mark figurattiva tal-Unjoni li tinkludi l-elementi verbali “CONTADO DEL GRIFO” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 097 416

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 2218/2015-2

Talbiet

- tibdel kompletament id-deċiżjoni tal-EUIPO tal-25 ta' Mejju 2016;
- tilqa' r-rikors ineżami filwaqt li taċċetta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni bin-numru 012097416, ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2003 għall-klassi 33;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-ewwel u tat-tieni istanzi.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Luju 2016 – holyGhost vs EUIPO – CBM (holyGhost)

(Kawża T-439/16)

(2016/C 350/31)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: holyGhost GmbH (München, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Wiedemann u S. Engbrink, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: CBM Creative Brands Marken GmbH (Zürich, l-Iżvizzera)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni “holyGhost” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 757 853

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Humes Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Mejju 2016 fil-Każ R 2867/2014-5

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2016 – Vasco Group u Astra Sweets vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-444/16)

(2016/C 350/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Vasco Group (Dilsen-Stokkem, il-Belġju) u Astra Sweets (Turnhout, il-Belġju)(rappreżentant: H. Gilliams, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Jannar 2016, dwar l-iskema ta' għanuna mill-Istat li tikkonċerna l-eżenzjoni fuq il-profitt żejjed SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN), implementata mir-Renju tal-Belġju;
- sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 2 sa 4 tad-Deċiżjoni
- fi kwalunkwe każ, tannulla l-Artikoli 2 sa 4 tad-Deċiżjoni sa fejn dawn l-artikoli (a) jordnaw l-irkupru mingħand entitajiet oħra li ma humiex dawk li bbenefikaw minn “deċiżjoni bil-quddiem dwar it-taxxa fuq il-profitt żejjed” kif id-definita fid-Deċiżjoni, u (b) jordnaw l-irkupru ta' ammont li jikkorrispondi għall-eżenzjoni mit-taxxa tal-benefiċjarju mingħajr ma tippermetti lill-Belġju li jieħu inkunsiderazzjoni tal-aġġustamenti għaż-żieda mwettqa minn amministrazzjoni tat-taxxa oħra;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegat żball manifest ta' evalwazzjoni, eċċess ta' poter u nuqqas ta' motivazzjoni xierqa sa fejn id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, tal-11 ta' Jannar 2016, dwar l-iskema ta' għanuna mill-Istat li tikkonċerna l-eżenzjoni fuq il-profitt żejjed SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN), implementata mir-Renju tal-Belġju tallega l-eżistenza ta' skema ta' ghajjnuna.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 107 TFUE u tal-obbligu ta' motivazzjoni kif ukoll fuq żball manifest ta' evalwazzjoni sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tikklassifika din l-hekk imsejħa skema bħala miżura selettiva.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 107 TFUE u fuq żball manifest ta' evalawzzjoni sa fejn id-deċiżjoni kkontestata tiddikjara li l-hekk imsejħa skema tagħti vantaġġ.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegat ksur tal-Artikolu 107 TFUE, ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġġitimi, żball manifest ta' evalwazzjoni, eċċess ta' poter u fuq nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn d-deċiżjoni kkontestata tordna l-irkupru tal-ghajjnuna mill-Belġju.